MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru 12/2011

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond. J. Borg)**

**v.**

**Mark Cassar”**

Il-Qorti,

**1.** Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Odelsie Bayliss tat-8 ta’ Gunju 2011 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-imsemmi Mark Cassar naqas milli jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficcju u l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi moghtija lilu, kif ukoll li naqas milli joqghod gahd-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal tal-*probation* sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga u dan billi ma zammx kuntatt kemm mal-

CARITAS kif ukoll ma' Dr. Antoine Ellul, it-tabib appuntat lilu fi hdan id-DETOX;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti,  fuq ammissjoni, u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-imsemmi Mark Cassar hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-1 ta' Marzu 2010 kif ukoll f'dawn l-ahhar 4 xhur, f'hinijiet differenti u bnadi ohra f'Malta kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3.** Rat illi bl-istess sentenza ghamlet fil-konfront ta' l-imsemmi Mark Cassar ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet snin a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

**4.** Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Odelsie Bayliss fis-seduti tad-29 ta' Settembru 2011, 28 ta' Ottubru 2011, 30 ta' Novembru 2011, 20 ta' Jannar 2012, 30 ta' Marzu 2012 u tallum stess; ikkunsidrat:

**5.** Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2011 l-ufficjal tal-*probation* ikkonfermat id-denunzja li ghamlet fil-konfront tal-*probationer* u ndikat illi kienet ghamlet id-denunzja wara illi l-*probationer* kien attenda biss tnejn minn tmien appuntamenti li kien inghata, kien attenda appuntament wiehed biss il-CARITAS kif ukoll attenda appuntament wiehed biss ma' Dr. Antoine Ellul. Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011, l-ufficjal tal-*probation* infurmat lill-Qorti li l-*probationer* kien attenda t-tliet appuntamenti maghha li nghatawlu u kien ghamel kuntatt mas-SEDQA. Sfortunatament, tliet *urine tests* li sarulu taw rizultat pozittiv, l-ewwel wiehed ghall-kokaina u l-morfina, it-tieni ghall-cannabis, u t-tielet ghall-kokaina, morfina u cannabis. Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2011 l-ufficjal tal-*probation* qalet illi l-*probationer* zamm l-appuntamenti maghha, beda l-kuntatt mas-SEDQA u giet appuntata certa Denise Chetcuti bhala l-*key worker* tieghu. Zewg *urines* li halla mas-SEDQA nstabu pozitivi ghall-cannabis. Fis-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2012 l-ufficjal tal-*probation* qalet illi l-andament tal-*probationer* kien tajjeb, baqa' jzomm l-appuntamenti maghha u mas-SEDQA u l-*urine tests* irrizultaw fin-negattiv. Sat-30 ta' Marzu 2012 baqa' jigi registrat l-istess progress, salv li kien hemm inkonsistenza f'*urine test* fejn instab negattiv ukoll ghall-methadone meta fil-fatt kien qieghed jiehu l-methadone. Da parti tas-SEDQA xtaqu li jkun aktar ko-operattiv fis-sessjonijiet li jkollu mieghu. Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2012 il-*probationer* ma deherx u ghalhekk kellu jinhareg mandat ta' akkumpanjament. Fis-seduta tallum il-*probationer* spjega li ghas-seduta precedenti kien wasal ftit tard filwaqt li l-ufficjal tal-*probation* xehdet li baqa' jaghmel progress.

**6.** Jidher illi bejn il-kondizzjoni tal-*probationer* fi zmien id-denunzja u llum kien hemm progress sostanzjali u l-*probationer* qieghed jaccetta l-ghajnuna li qieghda tinghatalu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-*probationer* jista' jkompli jaghmel progress billi jibqa' jinghata din l-ghajnuna fuq <u>l-itwal</u> firxa ta' zmien possibbli. Huwa ghalhekk utili li l-ordni originali ta' *probation* jigi sostitwit b'ordni gdid ta' *probation*.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Mark Cassar kiser l-ordni ta’ *probation* tas-7 ta’ Jannar 2011, tirrevoka l-istess ordni u tittratta mieghu mill-gdid ghall-imputazzjoni dedotta kontra tieghu imsemmija hawn fuq (paragrafu tnejn), u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolament 9 tal-G.N. 292/1939, tqieghdu mill-gdid taht *probation* a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta’ tliet snin millum taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-hati ddikjara li huwa jaccetta. Tordna li kopja ta’ l-ordni ta’ *probation* tigi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------